

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

3.12.2008

0102/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Mieczysław Janowski u Wiesław Kuc
dwar terroristi li joperaw minn ġol-Pakistan

Data ta' skadenza: 26.3.2009

0102/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar terroristi li joperaw minn ġol-Pakistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ċittadin Pollakk li kien jaħdem bħala inġinier fil-Pakistan ġie arrestat minn militanti Iżlamiċi,
- B. billi minkejja l-gvern demokratiku fil-Pakistan hemm evidenza kkonfermata li l-pajjiż qed jagħti kenn lil diversi gruppi terroristiċi u qed jużahom bħala strument għat-terroriżmu, l-aktar kontra l-Indja,
- C. billi l-ISI, is-servizzi sigrieti tal-Pakistan, għandhom rabtiet mill-qrib mat-Taliban u mal-Al-Qaeda u qegħdin jiproteġuhom mill-forzi internazzjonali għaż-żamma tal-paċi,
- D. billi l-iskejjel koraniċi fil-Pakistan għandhom jipprovdu mexxejja militanti għall-gruppi terroristiċi, inkluża l-Al-Qaeda,
- E. billi minkejja li l-Pakistan isostni li qed jieħu sehem fil-gwerra kontra t-terror, huwa għadu jipprovdi kenn lill-mexxejja terroristiċi tal-Moviment Khalistani, tal-Hezb ul Mujahideen, u tal-Lashkar e Taiba u lil "imħuħ" kriminali bħal Dawood Ibrahim, li jgħix u jopera bil-libertà kollha,
- 1. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan biex jieħu azzjoni minnufih sabiex jestradixxi lejn l-Indja l-mexxejja tal-Khalistan u ta' gruppi terroristiċi oħra li jagħrfu l-irwol tagħhom f'attivitajiet terroristiċi fl-Indja;
- 2. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan sabiex iwaqqaf kull infiltrazzjoni transkonfinali u sabiex jieħdu miżuri immedjati biex jirrifurmaw it-tagħlim mogħti fl-iskejjel koraniċi;
- 3. Jistieden lill-President tal-Pakistan sabiex isegwi personalment dawn il-kwistjonijiet;
- 4. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan sabiex jieħu azzjoni urġenti biex ibiddel il-politika tiegħu sabiex iġib fit-tmiem is-sejħiet kontinwi għal ġiħad vjolenti kontra l-ġirien u s-sħab tiegħu;
- 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern tal-Pakistan.